MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2020

Rikors Maħluf Numru 808/2016 LM

**Michelle Borg (K.I. numru 0353379M)**

***vs.***

**St. James (Capua) Hospital Limited (C14713)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors maħluf ippreżentat fis-16 ta' Settembru, 2016 mill-attriċi **Michelle Borg** (K.I. numru 0353379M) [minn issa 'l quddiem "l-attriċi"] kontra s-soċjetà konvenuta **St James (Capua) Hospital Limited** (C14713) [minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta"]), li jgħid kif ġej:

*"1. Illi fis-17 ta' Settembru 2014, l-esponenti kellha inċident waqt li kienet qiegħda fuq il-post tax-xogħol, preċiżament għand ċerta Carmen Micallef fl-indirizz Sea Breeze Court No 1, Triq it-Turisti, Buġibba.*

2. *Illi dan l-inċident ġara waqt li hija kienet qiegħda tagħmel xogħol ta' tindif fit-terrazzin fid-dar ta' anzjana, meta hija żelqet u waqgħet fuq art imxarba. Hija ġiet fuq dahrha u idejha x-xellugija meta waqgħet.*

3. *Illi dan l-inċident ġara tort uniku tas-soċjetà konvenuta minħabba negliġenza min-naħa tagħha li tipprovdi l-għodda neċessarja għas-sigurtà tal-impjegati tagħha waqt xogħolhom.*

4. *Illi a kawża ta' dan l-inċident, l-attriċi soffriet danni permanenti fuq persuntha.*

5. *Illi għalhekk, kellha tkun intavolata din il-kawża.*

6. *Illi l-attriċi taf b'dawn il-fatti personalment.''*

Għalhekk l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti, għar-raġunijiet hawn fuq imfissra, sabiex:

*''1. Tiddikjara li l-inċident li seħħ nhar is-17 ta' Settembru 2014, fi Triq it-Turisti, Qawra, seħħ tort unikament tas-soċjetà konvenuta;*

*2. Tiddikjara li minħabba f'dan l-inċident, l-attriċi sofriet danni;*

*3. Tillikwida d-danni hekk sofferti, occorrdeno bil-ħatra ta' periti nominandi;*

*4. Tordna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attriċi l-ammont hekk likwidat.*

*Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali numru 3702/15 ippreżentata nhar il-5 ta' Novembru 2015, bl-imgħax, u s-soċjetà konvenuta minn issa nġunta in subizzjoni.''*

Rat ir-risposta tas-soċjetà konvenuta ppreżentata fl-20 ta' Ottubru, 2016, fejn ġie eċċepit is-segwenti:

*'' 1. It-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;*

*2. Illi f'kull każ, l-eċċepjenti mhijiex responsabbli għal ebda negliġenza jew nuqqas fil-konfront tal-attur;*

3. *F'kull każ ukoll u mingħajr preġudizzju, kwalsiasi ħsara saret unikament minħabba n-nuqqas ta' attenzjoni u negliġenza tal-attriċi stess u waqt li kienet qed twettaq xogħol li l-eċċipjenti ma qabbditiex tagħmel;*

4. *L-attriċi kienet ingaġġata taħt skema tal-Gvern biex tagħti servizz personalizzat fi djar privati ta' anzjani. Dakinhar li hija tallega li kellha l-inċident suppost li kienet qegħda tagħti servizz fid-dar ta' Carmen Micallef, Sea Breeze, Court No. 1, Triq it-Turisti, Buġibba. Fid-deskrizzjoni tal-ingaġġar tagħha, l-attriċi kienet obbligata biss li tiknes, skont il-bżonn, it-terrazzin fid-dar privata tal-anzjan/a li fiha tkun qed tagħti servizz. L-eċċipjenti ma tifhimx kif setgħet żelqet fl-ilma la darba ma kellhiex taħsel it-terrazzin.*

5. *L-attriċi qatt ma rrappurtat lill-eċċipjenti eżattament kif tallega li sar l-inċident u għalhekk, l-eċċepjenti tirriżerva li tressaq eċċezzjonijiet u tagħmel sottomissjonijiet oħra meta tkun edotta aħjar mill-fatti kif allegati mill-attriċi.*

6. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż.''*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat id-digriet tagħha tal-24 ta' Frar, 2017, fejn ħatret bħala espert mediku ġudizzjarju lil Mr Frederick Zammit Maempel, kif ukoll id-digriet tat-28 ta' Marzu, 2017, fejn irrevokat l-ewwel digriet *contrario imperio* u ħatret minfloku lil Mr Carmel Sciberras għall-istess inkarigu.

Rat ir-rapport tal-espert mediku ġudizzjarju Mr Carmel Sciberras.[1]
Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

[1] *A fol.* 126 tal-proċess.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-7 ta' Ottubru, 2019, fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

## Il-kwistjoni bejn il-partijiet

Jirriżulta li l-attriċi kienet iffirmat kuntratt tax-xogħol[2] mas-soċjetà konvenuta fit-23 ta' Diċembru, 2013, sabiex taħdem bħala *home helper* fuq bażi każwali. Hija intrabtet fost affarijiet oħra li tagħmel it-tindif u l-ħasil tad-djar tal-klijenti tas-soċjetà konvenuta. Fis-17 ta' Settembru, 2014, għall-ħabta tas-siegħa ta' waranofsinhar, filwaqt li kienet qiegħda għand l-anzjana Carmelin Micallef taħsel il-parapett tar-residenza tagħha, l-attriċi żelqet u weġġgħet id-driegħ tax-xellug. Hija ddaħħlet l-Isptar Mater Dei ftit wara, fejn ġiet iċċertifikata[3] li kellha *left humeral fracture,* iżda sussegwentement sabet ukoll li hija kienet qed isofri minn debilità permanenti.

L-attriċi tgħid li l-inċident seħħ unikament tort tas-soċjetà konvenuta li kienet naqset li tipprovdi l-għodda neċessarja għas-sigurtà tal-impjegati tagħha waqt ix-xogħol. Is-soċjetà konvenuta min-naħa tagħha tinnega li hija kienet responsabbli għall-inċident, u teċċepixxi li kienet proprju l-attriċi li kienet taħti minħabba nuqqas ta' attenzjoni u negliġenza da parti tagħha meta għamlet xogħol li ma kinitx ġiet inkarigata tagħmel.

## Provi u riżultanzi

[2] Dok. MB01 *a fol.* 24 tal-proċess.
[3] Dok. MB06 *a fol.* 30 tal-proċess.

L-attriċi xehdet permezz tal-proċedura tal-*affidavit*[4], li ġie ppreżentat fil-21 ta' Ottubru, 2016. Spjegat li hija kienet bdiet taħdem mas-soċjetà konvenuta fit-23 ta' Diċembru, 2013 bħala *home helper, casual part-time*, b'paga ta' €4.30 fis-siegħa, u dan skont il-kuntratt ta' impjieg li huwa esebit bħala Dok. MB01[5] mal-imsemmi *affidavit* tagħha. Xogħolha kien li tgħin lill-anzjani, skont l-istruzzjonijiet tas-soċjetà konvenuta, f'dak li l-istess anzjani ma setgħux jagħmlu, u dan inkluż xiri u xogħol ta' tindif. Irrilevat li s-soċjetà konvenuta ma kienet tatha xejn minn dak li kellha tipprovdilha sabiex teżegwixxi x-xogħol tagħha, bħal ingwanti, fardal u anki *safety shoes (non-slip).* Dawn tal-aħħar kienu neċessarji għaliex xogħolha kien ħafna drabi fl-ilma. Għalhekk għall-ħabta ta' Marzu jew April tas-sena 2014, kienet ċemplet lil St. James Hospital u tkellmet ma' Terry Anne Cilia, li dak iż-żmien kienet taħdem fid-Dipartiment tal-*Home Help.* Qaltilha li hija kienet diġà saqsiet għall-oġġetti msemmija u dawn ma kinux ingħatawlha. Min-naħa tagħha Terry Anne Cilia wegħditha li ser twassal il-messaġġ tagħha. Ċemplilha lura ċertu Aaron Axiak u qalilha li s-soċjetà konvenuta ma kellha l-ebda obbligu li tipprovdi dawn l-affarijiet u jekk hija kienet ser tibqa' tinsisti, allura kien ser ikeċċiha. L-attriċi stqarret li hija għalhekk kienet spiċċat tieħu l-ingwanti tagħha fuq ix-xogħol, u saħansitra anki il-biċċiet tal-art. Żiedet tgħid li kienet ukoll indagat dwar l-għoti tal-vaċċin kontra l-influwenza, għaliex hekk kif bdiet taħdem mal-anzjani, hija kienet ta' spiss timrad. Hija kienet ħadet azzjoni billi kitbet lill-Prim Ministru u ftit ġranet wara li rċeviet l-*acknowledgement,* ġiet infurmata mis-soċjetà konvenuta li kien ser isir xi taħriġ fid-19 ta' Awwissu, 2014, fl-Isptar St. James (Capua) tas-Sliema bejn

---

[4] *A fol.* 16 tal-proċess.
[5] *A fol.* 24 tal-proċess.

l-4.30 u l-5.30 ta' waranofsinhar. Dakinhar xi kollegi tagħha semmew li kien hemm il-ħtieġa li jingħataw tagħmir tas-sigurtà, inkluż *safety shoes*, iżda ħadd ma ta widen. Għalhekk hija kienet waslet sabiex minn jeddha tixtri żarbun għal fuq ix-xogħol. Imbagħad fis-17 ta' Settembru, 2014, filwaqt li kienet qiegħda taħsel il-parapett tar-residenza ta' klijenta tas-soċjetà konvenuta, ċertu Carmen Micallef li kient talbitha tagħmel dan, hija żelqet u waqgħet fl-art fl-ilma. Ftit ħin wara waslet l-ambulanza li ħaditha l-Isptar Mater Dei, fejn ġiet operata jumejn wara fil-*left humerous.* Sadanittant fil-ġurnata tal-inċident stess, ir-raġel tagħha kien informa lis-soċjetà konvenuta b'dak li kien ġara. L-għada ħarġet mill-isptar, iżda xorta waħda hija ma kinitx qiegħda ċċaqlaq idejha u kellha bżonn l-għajnuna ta' ħaddieħor sabiex saħansitra tilbes jew tuża l-kamra tal-banju. Wara li ħarġet mill-isptar, l-attriċi kienet baqgħet tattendi għall-viżti tal-*outpatients* sa Marzu 2015, fejn fit-3 ta' Marzu, 2015 kien raha it-Tabib Arsen Ayakyan, li spjegalha li l-*fracture* tagħha kienet *malunion,* jiġifieri ma kinitx għaqdet sew. Hija bdiet tmur għall-fiżioterapija u anki kienet marret minn jeddha għand il-konsulent Mr Ray Gatt. Sussegwentement kienet għamlet operazzjoni oħra fid-29 ta' Marzu, 2016, u f'Ġunju tal-istess sena. Mr Ray Gatt issuġġerielha li twaqqaf it-terapija għaliex din kienet għalxejn u minflok għadha sal-lum tagħmel minn jeddha l-eżercizzji tat-terapija d-dar. Sa Marzu 2015, hija ma kinitx għadha tajba għax-xogħol u wara li kienet dehret diversi drabi quddiem Bord ġewwa l-Isptar Mater Dei, fejn imbagħad id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (*Injuries Section)* kien informa lis-soċjetà konvenuta li hija kienet għadha mhijiex tajba għax-xogħol. Imbagħad f'Novembru, 2015, l-attriċi kienet irċeviet ittra mill-ETC li kienet tgħid li x-xogħol tagħha kien ġie tterminat għar-raġuni li kien seħħ *"transfer of business"*. Hija baqgħet tirreġistra għax-xogħol,

iżda kif tgħidilhom li kellha diżabilità, ma kinux jerġgħu jċemplu lura. L-attriċi esebiet diversi dokumenti, inkluż il-FS3 tas-sena 2014[6], in sostenn tal-pretensjoni tagħha għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni.

Ir-raġel tal-attriċi, **Bjorn Borg**, ukoll xehed permezz tal-proċedura tal-*affidavit*.[7] Qal li fis-17 ta' Settembru, 2014, huwa kien irċieva telefonata fuq il-*mobile* għall-ħabta tas-1.00 ta' waranofsinhar, fejn persuna li ma kienx jaf minn hi, infurmatu li kienet weġġgħet il-mara tiegħu u li kienu qegħdin jistennew l-ambulanza. Huwa telaq mill-ewwel minn fuq il-post tax-xogħol, għadda għat-tfal l-iskola u baqa' sejjer l-Isptar Mater Dei. Fil-frattemp ċempel lil Terry Anne Cilia, is-*supervisor* tal-mara tiegħu, li kienet taħdem St. James (Sliema) u infurmaha li l-attriċi kienet weġġgħet. Din mill-ewwel qaltlu li l-attriċi b'hekk kellha tieqaf mix-xogħol u wara li jgħaddilha, huma jerġgħu jħaddmuha. Sadanittant kien ġie jkellem lilu u lil martu t-Tabib Stefan Sant, li introduċa lilu nnifsu bħala speċjalista tal-għadam, u qalilhom li kienu ser joperaw lill-attriċi mill-aktar fis, proprju dak il-lejl stess. Iżda l-intervent sar jumejn wara u 'l għada l-attriċi ntbagħtet id-dar. Hija ma setgħet tagħmel kważi xejn mingħajr l-użu ta' idha u għalhekk huwa kellu jgħinha saħansitra tbiddel, tinħasel, timtedd u tqum minn fuq is-sodda u anki biex tmur sat-*toilet*. Barra minn hekk huwa spiċċa sabiex jieħu ħsieb it-tfal u meta jerġa' lura mix-xogħol, kien jagħmel ix-xogħol tad-dar ukoll. L-attriċi dak iż-żmien bdiet tirċievi l-*injury benefit,* iżda l-problemi finanzjarji issa bdew jinħassu għaliex il-paga tagħha kienet waqqfet u huma kellhom self mal-bank.

---

[6] *A fol.* 60 *et seq*. tal-proċess.
[7] *A fol.* 80 *et seq*. tal-proċess.

Ix-xhud qal li huma kellhom tliet itfal, u dawn kienu jippruvaw jgħinu kemm jista' jkun lil ommhom. Fil-frattemp huwa kien imur mal-attriċi għall-viżti l-isptar, iżda ż-żmien ta' fejqan kien itwal milli kienu qalulhom it-tobba. Illum, għalkemm l-attriċi kienet aħjar, huwa kien għadu jgħinha għaliex baqgħet ma tistax tħaddem idha kif kienet qabel. Dak iż-żmien ix-xhud kien jaħdem bħala *health and safety practitioner* u għalhekk kien qal lill-attriċi sabiex titlob lill-prinċipal tagħha għal *safety shoes* u ingwanti minħabba n-natura tax-xogħol tagħha, iżda dawn qatt ma ngħatawlha. Barra minn hekk huwa kien jaf mingħand l-attriċi li s-soċjetà konvenuta ma kinitx tħarreġ lill-ħaddiema tagħha.

Ix-xhud **Carmelin Micallef** ukoll xehdet permezz tal-*affidavit*[8], li ġie ppreżentat fit-2 ta' Frar, 2017. Ikkonfermat li l-attriċi kienet tafha għaliex kienet tmur tgħinha fix-xogħol tad-dar. Stqarret li l-attriċi kienet tagħmel it-tfarfir u anki l-ħasil tal-art, iżda hija qatt ma kienet ratha tilbes ingwanti. Ix-xhud irrilevat li madwar sentejn jew tlieta qabel, l-attriċi kienet weġġgħet filwaqt li kienet qiegħda taħsel il-parapett u hija kienet qiegħda tara t-televiżjoni fl-ewwel kamra hekk kif tidħol mill-istess parapett. Qalet li semgħet ħoss kbir u rat lill-attriċi fl-art hemmhekk. Ix-xhud ċemplet lit-tifla tagħha u din ċemplet għal ambulanza, li waslet xi għaxar minuti wara. Dak il-ħin kienu xi 12.30 ta' waranofsinhar.

Waqt l-udjenza tal-24 ta' Frar, 2017, xehed **Mr Raymond Gatt** prodott mill-attriċi.[9] Ix-xhud ikkonferma bil-ġurament Dok. MBO1[10], filwaqt li stqarr li huwa

[8] *A fol.* 92 *et seq.* tal-proċess.
[9] *A fol.* 97 *et seq.* tal-proċess.
[10] *A fol.* 4 *et seq.* tal-proċess.

kien jaħdem bħala konsulent tal-ortopedija. Spjega li l-attriċi kien raha għall-ħabta ta' Marzu, 2016, wara li kienet kisret idha tax-xellug u kienet qiegħda tbati minn għebusija fl-ispalla tal-istess naħa.

Waqt l-udjenza tat-3 ta' April, 2017, xehed **Joseph Saliba**[11], rappreżentant ta' JobsPlus, prodott mill-attriċi. Ix-xhud esebixxa l-*employment history* tal-attriċi.[12]

Waqt l-istess udjenza, xehed Paul Scicluna, rappreżentant tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, prodott mill-attriċi.[13] Ix-xhud ikkonferma li l-attriċi qatt ma kienet reġistrata għall-fini tat-taxxa fuq il-valur miżjud.

Waqt l-udjenza tat-8 ta' Novembru, 2017, xehdet **Johanna Bartolo**[14], rappreżentant tal-Bank of Valletta p.l.c., prodotta mill-attriċi, fejn esebiet *statement* tal-*house loan account* konġunt tal-attriċi u r-raġel tagħha.[15]

Waqt l-udjenza tal-1 ta' Marzu, 2018, xehed **Albert Micallef**[16], *managing director* tal-Isptar St. James (Capua), prodott mill-attriċi. Ikkonferma li huwa kien ilu f'din il-kariga sa mis-sena 2015 u qabel huwa kien jokkupa l-kariga ta' *senior administrator officer,* filwaqt li Maria Bugeja kienet il-*managing director.* Spjega li fiż-żmien tal-inċident, l-Isptar St. James kien ingħata kuntratt mingħand il-Gvern sabiex jissupplixxi *home helpers* u hawnhekk ix-xhud esebixxa d-deskrizzjoni tax-xogħol[17] ta' dawn il-ħaddiema, li kien jingħata mal-

[11] *A fol.* 111 *et seq.* tal-proċess.
[12] Dok. JS1 *a fol.* 113 tal-proċess.
[13] *A fol.* 117 *et seq.* tal-proċess.
[14] *A fol.* 139 *et seq.* tal-proċess.
[15] Dok. JB1 *a fol.* 141 *et seq.* tal-proċess.
[16] *A fol.* 151 *et seq.* tal-proċess.
[17] Dok. AM1 *a fol.* 163-164 tal-proċess.

kuntratt tax-xogħol tagħhom. Ikkonferma li dawk il-ħaddiema ma kellhom l-ebda taħriġ fis-saħħa u fis-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

Waqt l-udjenza tas-7 ta' Mejju, 2018, xehed **Aaron Axiak**[18], prodott mill-attriċi. Ix-xhud spjega li bejn is-sena 2013 u s-sena 2014 huwa kien jaħdem ma' Apax Community Care, li kienet tiġi mitluba minn St. James Hospital sabiex tgħaddilha xi nies biex jaħdmu fuq proġett partikolari tal-*home help.*

Waqt l-istess udjenza xehdet **Terry Anne Cilia**[19], prodotta mill-attriċi. Ix-xhud spjegat li bejn is-snin 2013 u 2014, hija kienet impjegata ma' St. James bħala segretarja u xogħolha kien ukoll li tħejji l-iskedi tax-xogħol tal-*helpers.* Lill-attriċi qatt ma ltaqgħet magħha u dejjem fuq it-telefon tkellmet magħha.

Waqt l-udjenza tal-11 ta' Ġunju, 2018, xehdet in kontroeżami l-attriċi.[20] Ikkonfermat li qatt ma kienet reġgħet ħadmet wara l-inċident, filwaqt li stqarret li hija kellha ħafna esperjenza fit-tindif. Meta bdiet taħdem, is-soċjetà konvenuta kienet tatha struzzjonijiet sabiex tilbes *'slipper'* f'saqajha, filwaqt li kienet tilbes ukoll T-shirt bil-*logo* tas-soċjetà konvenuta li kienet ħallset tiegħu. Dwar it-tindif l-attriċi spjegat li l-ħaddiema kellhom struzzjonijiet sabiex darba fix-xahar jaħslu l-ħġieġ, il-parapett jew fejn xi garaxxijiet. Din l-istruzzjoni kienet fid-dokument li kienet ingħatat mis-soċjetà konvenuta mal-kuntratt. Barra minn hekk is-*supervisor* kienet qaltilha li l-parapett kellu jinħasel u anki kien hemm wieħed raġel, li x-xhud ma kinitx tiftakar ismu, li kien qalilha li dan għandu jinħasel kull erba' ġimgħat. Dan kien intqal ukoll waqt laqgħa li kellha

[18] *A fol.* 171 *et seq.* tal-proċess.
[19] *A fol.* 176 *et seq.* tal-proċess.
[20] *A fol.* 183 *et seq.* tal-proċess.

f'Awwissu u anki Aaron Axiak kien ukoll infurmahom b'dan. Ikkonfermat li l-firma fuq id-Dok. MBB1[21] kienet tagħha. Għal dak li jirrigwarda xogħol, l-attriċi spjegat li hija kienet ippruvat tfittex xogħol, iżda kienu jgħidulha li ma kinitx tajba għax-xogħol ġaladraba ma setgħetx tqandel ħafna. Darba minnhom Aaron Axiaq kien ċempillha u staqsieha x'kellha bżonn u l-attriċi talbet għal par żarbun, għaliex hija kienet taħdem fl-ilma, u għall-ingwanti. Dan kien għamlilhom laqgħa f'St. James fit-18 jew id-19 ta' Awwissu, fejn qalilhom sabiex iżommu ħalqhom magħluq biex ma jitilfux il-kuntratt. Mhux l-ewwel darba li hija kienet tixtri l-ingwanti għal fuq ix-xogħol. L-attriċi spjegat kif kien ġara l-inċident, filwaqt li qalet li l-ġurnata tax-xogħol tagħha kienet bejn is-7.30 ta' filgħodu u s-1.30 ta' waranofsinhar.

Waqt l-istess udjenza xehed **Albert Micallef**[22], prodott mis-soċjetà konvenuta. Ix-xhud ikkonferma li d-dokument Dok. MBB1 kien kopja tal-oriġinal u spjega li dan kien jagħmel parti mill-kuntratt tax-xogħol tal-attriċi.

Waqt l-udjenza tat-22 ta' Novembru, 2018, xehdet **Terry Ann Cilia**[23], prodotta in kontroeżami mis-soċjetà konvenuta. Ix-xhud ikkonfermat li sakemm kienet taħdem mas-soċjetà konvenuta, hija ma kienet saret taf bl-ebda każ ieħor fejn kienet weġġgħet *helper.*

Waqt l-istess udjenza xehed **il-Prokuratur Legali Sean Meli**[24], rappreżentant tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, prodott mis-soċjetà konvenuta. Ix-xhud

[21] A *fol.* 196 tal-proċess.
[22] *A fol.* 197 *et seq.* tal-proċess.
[23] *A fol.* 209 *et seq.* tal-proċess.
[24] *A fol.* 211 *et seq.* tal-proċess.

esebixxa diversi dokumenti[25] fir-rigward tal-korriment tal-attriċi, li seħħ fis-17 ta' Settembru, 2014.

Waqt l-udjenza tal-11 ta' Jannar, 2019, reġa' xehed **il-Prokuratur Legali Sean Meli**[26], prodott mis-soċjetà konvenuta. Ix-xhud ippreżenta l-lista[27] tat-tobba li jservu fuq il-bord u li kienet dehret quddiemhom l-attriċi, flimkien ma' korrispondenza[28] relattata.

Waqt l-udjenza tal-4 ta' Frar, 2019, xehdet in kontroeżami l-attriċi.[29] Ikkonfermat li hija kienet għamlet tmien xhur tmur għand Carmelin Micallef, u dan kull nhar ta' Erbgħa. Mistoqsija għaliex Micallef kienet xehdet li qatt ma kienet ratha bl-ingwanti, l-attriċi spjegat li hija kienet tużaha l-ingwanti fil-kamra tal-banju, filwaqt li l-anzjana kienet tibqa' bilqiegħda fuq is-sufan, ma tiċċaqlaqx. Spjegat ukoll li hija kienet tibda taħsel fuq in-naħa ta' ġewwa u tispiċċa fuq il-parapett, iżda dan kienet jew tikinsu jew timsħu bil-biċċa, għajr għal darba fix-xahar meta kienet taħslu.

Waqt l-udjenza tal-24 ta' Mejju, 2019, xehed **Aaron Axiak**[30] in kontroeżami. Stqarr li għalkemm is-soċjetà Apax Community Care kienet tagħmel diversi intervisti fir-rigward ta' xogħol ta' *home helpers*, kienet is-soċjetà konvenuta li kienet tgħaddi kopja tal-kuntratt, kif ukoll d-deskrizzjoni tax-xogħol, lil dawk in-nies li hija kienet tirrakkomanda għal dan ix-xogħol. Minn hemm 'il quddiem

[25] Dok. SM1 a *fol.* 215 *et seq.* tal-proċess.
[26] *A fol.* 226 *et seq.* tal-proċess.
[27] Dok. SM2 a *fol.* 228 tal-proċess.
[28] Dok. SM3 a *fol.* 229 tal-proċess.
[29] *A fol.* 231 *et seq.* tal-proċess.
[30] *A fol.* 248 *et seq.* tal-proċess.

kien ikun f'idejn is-soċjetà konvenuta. F'każ ta' xi problema, il-ħaddiema kienu jressqu l-ilment lill-koordinatriċi Terry Anne Cilia.

Waqt l-istess udjenza xehed **John Privitelli**[31], rappreżentant tas-*Central Procurement Supplies Unit,* prodott mis-soċjetà konvenuta. Ix-xhud esebixxa kopja tal-*letter of acceptance*[32] iffirmatha mill-kuntrattur u mill-*Chief Executive Officer* min-naħa tal-*Central Procurement Supplies Unit,* u kopja tad-dokument[33] li permezz tiegħu ġie estiż il-kuntratt u kopja tat-*Tender Document.*[34]

Waqt l-istess udjenza xehed ukoll ir-raġel tal-attriċi, **Bjorn Borg**[35], in kontroeżami. Ix-xhud ikkonferma li huwa kien jaf li l-mara tiegħu kienet twieġeb lil Terry Anne Cilia. Sostna li l-prinċipal kellu d-dmir li jagħti l-*personal protective equipment* u kkonferma li huwa kien jgħid lil martu sabiex ma titlax slielem jew fuq siġġu, u dan kien jgħodd anki għad-dar tagħhom fejn huwa kien jagħmel dak li jkun hemm bżonn li jsir fl-għoli, għalkemm ma kienx jaf x'kien hemm fuq il-post tax-xogħol tagħha. Meta qaltlu dwar x'kien ġara, l-attriċi ma kienet semmietlu l-ebda għoli. Hija kienet qaltlu biss li żelqet.

Waqt l-udjenza tas-7 ta' Ottubru, 2019, xehed l-espert mediku ġudizzjarju **Mr Carmel Sciberras**[36], prodott in eskussjoni mis-soċjetà konvenuta. Spjega li l-ksur kien lejn in-naħa tan-nofs tal-għadma u mhux viċin l-ispalla u ma kien hemm l-ebda ħsara fis-*soft tissues*. Ikkonferma li l-ksur kien fieq, iżda spjega wkoll li

---

[31] *A fol.* 252 *et seq.* tal-proċess.
[32] Dok. JP1 *a fol.* 254.
[33] Dok. JP2 *a fol.* 256.
[34] Dok. JP3 a *fol.* 256.
[35] *A fol.* 299 *et seq.* tal-proċess.
[36] *A fol.* 313 *et seq.* tal-proċess.

meta wieħed jaqa' fuq idu, il-forza tgħaddi mal-id kollha sal-ispalla. Fl-opinjoni tiegħu kien hemm relazzjoni bejn il-ksur u l-għebbusija parzjali tal-ispalla. Meta eżamina lill-attriċi, l-espert mediku ġudizzjarju kkostata li l-ispalla kienet ibbieset aktar minn meta kien eżaminaha Mr Ray Gatt. Jista' jkun li dik l-għebbusija ċċedi biż-żmien, u dan huwa kien ħadu inkonsiderazzjoni meta wasal għall-perċentwal ta' diżabilità permanenti.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Il-Qorti sejra l-ewwel tindirizza l-kwistjoni tar-responsabbilità għall-inċident inkwistjoni, imbagħad tgħaddi biex tikkonsidra t-talbiet l-oħra f'din il-kawża. Il-fatti tal-kawża odjerna huma pjuttost sempliċi. Jirriżulta mill-provi li l-inċident seħħ fiż-żmien meta l-attriċi kienet impjegata bħala *home helper* fuq bażi każwali mas-soċjetà konvenuta.[37] Ġara li fis-17 ta' Settembru, 2014, għall-ħabta tas-siegħa ta' waranofsinhar, filwaqt li hija kienet qiegħda taħsel il-parapett tar-residenza tal-anzjana Carmelin Micallef[38], l-attriċi żelqet u kissret id-driegħ tax-xellug.[39]

Ma jirriżultax li l-mod kif seħħ l-inċident huwa kkontestat min-naħa tas-soċjetà konvenuta, li però qiegħda ssostni li l-inċident seħħ unikament tort tal-attriċi hekk kif din kienet qiegħda twettaq xogħol mingħajr l-istruzzjonijiet tagħha.

[37] Ara kuntratt tax-xogħol a *fol.* 24.
[38] Ara *affidavit a fol.* 92.
[39] Ara *Case Summary* maħruġ mill-Isptar Mater Dei, a *fol.* 30, u l-*affidavit* tal-attriċi, a *fol.* 16.

Sabiex turi li dan ma kienx minnu, l-attriċi ppreżentat kopja tad-deskrizzjoni tax-xogħol tagħha[40], li hija kienet ingħatat mis-soċjetà konvenuta.

L-attriċi għalhekk tinnega dak li qiegħda tisħaq fuqu s-soċjetà konvenuta, u tippremetti li l-inċident seħħ bħala riżultat tan-negliġenza tal-imsemmija soċjetà konvenuta, li naqset milli tipprovdi l-għodda neċessarja għas-sigurtà tagħha fuq il-lant tax-xogħol. Taħt il-kap *"Għajnuna Domestika"* fil-paragrafu numru 10 tal-*job description* tal-attriċi, hemm miktub hekk:

> *"Xogħol ta' tindif fuq barra: Jsir il-bieb ta' barra u tindif tal-bitħa nterna, btieħi żgħar u l-parapett ta' quddiem il-bieb ta' barra".*

Dan id-dokument mhux iffirmat jidher li huwa pjuttost dokument li kien jintuża u jinżamm għall-fini ta' xhieda ta' dak li l-attriċi bħala *home helper* tkun wettqet f'ġurnata partikolari tax-xogħol tagħha ma' klijent partikolari u għall-fini ta' evalwazzjoni tas-servizz. Jidher għalhekk li saħansitra għall-fini ta' kompletezza tad-dokument kienet neċessarja l-firma tal-klijent u dik tas-*supervisor*, flimkien mal-firma tal-*home helper*.
Is-soċjetà konvenuta min-naħa tagħha ma ċaħditx li kienet hija li għaddiet dan id-dokument lill-attriċi, iżda ppreżentat dokument ieħor intestat *"Deskrizzjoni tax-Xogħol ta' Home Helper"*[41] u l-*managing director* tagħha Albert Micallef xehed li dan id-dokument kien jagħmel parti mill-kuntratt tax-xogħol u kien tħejja min-naħa tal-Gvern, ma' min is-soċjetà konvenuta kellha kuntratt. Is-soċjetà konvenuta aktar tard waqt il-proċeduri, esebiet dokument[42] mhux datat

[40] Dok. A1, a *fol.* 166.
[41] Dok. AM1 a *fol.* 163 tal-proċess.
[42] Dok. MBB1 a *fol.* 196 tal-proċess.

bil-firma tal-attriċi stess, u li skont il-*managing director* tagħha Albert Micallef, kienet parti annessa mal-kuntratt. L-attriċi fil-kontroeżami tagħha ikkonfermat li l-firma[43] kienet tagħha u ma ċaħditx li d-dokument kien ġie mehmuż mal-kuntratt tax-xogħol tagħha.[44] Il-Qorti tosserva li dan id-dokument ma jagħtix informazzjoni dwar kif kellu jsir il-ħasil ta' parapett, iżda tqis li mill-istruzzjonijiet ta' kuljum li ddeskriviet l-attriċi, flimkien mal-kontenut ta' Dok A1 ippreżentat minnha, joħroġ ċar li l-parapett tar-residenza tal-anzjana kellu jinħasel ta' mill-inqas darba kull xahar. Anki minn dak li xehdet l-attriċi[45], jirriżulta li l-istruzzjonijiet mingħand is-*supervisors* tagħha, u hawnhekk issemmi li ċertu Marika kif ukoll Terry Anne, kienu sabiex il-parapett jinħasel.[46] Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tqis li m'hemmx dubju li l-attriċi meta ħaslet il-parapett tar-residenza tal-anzjana Carmelin Micallef, kienet qiegħda ssegwi l-istruzzjonijiet tal-prinċipal tagħha u għalhekk it-tielet u r-raba' eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta ma jistgħux jintlaqgħu.

Jonqos għalhekk li l-Qorti tikkunsidra jekk kienet is-soċjetà konvenuta proprju li naqset fil-konfront tal-attriċi kif allegat minn din tal-aħħar. Albert Micallef fix-xhieda tiegħu waqt is-seduta tal-1 ta' Marzu, 2018[47], ikkonferma li l-*home helpers* ma kellhom l-ebda taħriġ dwar is-saħħa u s-sigurtà. Mhux kontestat min-naħa tas-soċjetà konvenuta li hija qatt ma kienet tat lill-attriċi xi tagħmir

[43] Seduta tal-11 ta' Ġunju, 2018, a *fol.* 188 tal-proċess.
[44] Seduta tal-11 ta' Ġunju, 2018, a *fol.* 197 tal-proċess.
[45] Seduta tal-11 ta' Ġunju, 2018, a *fol.* 187 tal-proċess.
[46] Ara wkoll xhieda seduta tal-11 ta' Ġunju, 2018, a *fol.* 191 tal-proċess.
[47] A *fol.* 159 tal-proċess.

għas-sigurtà tagħha, u dan minkejja li l-attriċi kienet għamlet diversi talbiet sabiex tingħata ingwanti għat-tindif kif ukoll *safety shoes.*[48]

Għalhekk jirriżulta mill-provi li s-soċjetà konvenuta naqset milli tħares id-diversi obbligi li kellhom jiġu mħarsa, u li l-liġi stess timponi fuq min iħaddem li għandu jħares. F'deċiżjoni fl-ismijiet **Frederick Sammut et *vs.* Direttur Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili et**[49], il-Qorti proprju indirizzat dan l-obbligu partikolari ta' min iħaddem, u qalet:

> *"Kull min iħaddem għandu jagħmel dan l-eżercizzju billi jottempera ruħu mad-dmirijiet ġenerali li jadotta prekawzjonijiet xierqa bħala* bonus paterfamilias*, u għalhekk, f'kull żmien u f'kull aspett li għandu x'jaqsam max-xogħol, għandu jagħmel dawk l-arranġamenti xierqa għall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monitoraġġ, u reviżjoni kritika tal-miżuri preventivi u protettivi. Dan jinkludi li jiġi kkonsidrat kemm in-natura tal-attivitajiet tax-xogħol billi tingħata l-informazzjoni u t-taħriġ meħtieġa skont il-liġi; li jara li jiġi pprovdut post sigur fejn isir it-taħriġ; li tingħata l-għodda adegwata u l-ilbies kollu protettiv meħtieġ; kif ukoll li tali għodda hekk adattata tiġi użata u lbies attwalment użat, b'dan li anki kieku jingħata l-ilbies u apparat protettiv kollu (li mhux il-każ odjern), xorta waħda l-prinċipal għandu jara li l-apparat jiġi effettivament użat."*

Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Fenech et *vs.* Chairman tal-Malta Drydocks et**[50], dwar l-obbligi da parti ta' min iħaddem, inkiteb:

> *"Dwar in-natura tad-dmir impost fuq min iħaddem, il-Qrati tagħna ripetutament jinsistu fuq id-dmir ta' min iħaddem li jipprovdi* 'a safe place of work' *iżda rari kienu jidħlu fil-kwistjoni jekk in-nuqqas ta' min iħaddem li hekk jipprovdi jkunx aġir bi ksur ta' obbligu kuntrattwali jew aġir delittwali. Li hu żgur hu li l-Qrati tagħna dejjem jitkellmu fuq 'dover' u 'obbligazzjonijiet' ta' min iħaddem, bħallikieku fuq dan hemm rabta kuntrattwali mal-ħaddiem li jipproteġieh. Fil-kawża* ***Sultana vs Spiteri*** *deċiża mill-allura Qorti tal-Kummerċ fit-28 ta' Mejju, 1979, ġie osservat li min iħaddem*

[48] Ara xhieda permezz tal-affidavit a *fol.* 16 *et seq.* tal-proċess, u xhieda seduta 11 ta' Ġunju, 2018, a *fol.* 190.
[49] Q.A., 24.11.2017.
[50] Q.A., 03.12.2010.

*għandu d-dover li jara li l-post tax-xogħol ikun dejjem fi stat raġonevoli ta' sigurezza għal min ikun qed jaħdem, obbligu speċifiku u determinat li donnu joħroġ mill-isfera tal-kunċett ta'* neminem laedere, *involut fir-responsabilità taħt delitt u kważi-delitt. Il-Qrati tagħna espandew fuq dan l-obbligu ta' min iħaddem, u jinsistu fuq id-dover tiegħu li jipprovdi attrezzi u makkinarju sikur, post tax-xogħol nadif u ħieles minn perikolu, stħarrig u superviżjoni tal-ħaddiema, manutenzjoni regolari fuq kull biċċa magna, u diversi obbligi relatati marbuta man-natura tax-xogħol (ara per eżempju l-kawża* ***Galea vs Meilaq noe****, deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis- 27 ta' Ġunju 2007). Intqal ukoll li huwa dmir ta' min iħaddem* "to provide a safe system of work, and that in planning a system of work, the employer must take into account the fact that workmen become careless about risks involved in their daily work" – ***Borg vs Wells noe****, deċiża mill-allura Qorti tal-Kummerċ fid-9 ta' Settembru 1981. Minn dan jidher li malli jiġi ffirmat kuntratt ta' impjieg bejn min iħaddem u l-ħaddiem, jitwieled f'tal-ewwel obbligu li jieħu ħsieb l-inkolumità tal-ħaddiem, b'mod li dan l-obbligu jista' jitqies bħala parti mit-termini tal-istess kuntratt."*

Il-Qorti tikkunsidra wkoll dak li qal ix-xhud Albert Micallef, fejn ikkonferma li l-impjegati kollha tas-soċjetà konvenuta kienu koperti permezz ta' polza tal-assikurazzjoni, b'dana li f'każ ta' inċident dan kellu jiġi notifikat lill-kumpannija assikuratriċi f'żmien stipulat, iżda fil-każ odjern huwa ma setax jgħid jekk in-notifika saritx jew le. Mill-kondizzjonijiet speċjali annessi mat-*tender*[51], jirriżulta li l-polza kienet rekwiżit essenzjali tal-kuntratt li s-soċjetà konvenuta kellha mal-Gvern għall-provvista ta' servizz ta' *home help*.

## Danni

Jifdal għalhekk li l-Qorti tgħaddi għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-attriċi, li jinkludu danni materjali kif ukoll telf ta' qligħ futur li hija jista' jkollha

[51] Klawsola 13.3 para (a) Dok. JP3, a *fol.* 288.

minħabba fid-debilità permanenti sofferta minnha b'konsegwenza tal-inċident inkwistjoni.

Mr Carmel Sciberras, konsulent ortopediku u espert mediku ġudizzjarju, ħejja rapport dettaljat wara li huwa eżamina lill-attriċi fil-11 ta' April, 2017, jigifieri kważi tliet snin wara li seħħ l-inċident, fejn spjega dak li osserva hekk kif eżamina l-ispalla u d-driegħ tax-xellug tal-attriċi u wasal għall-konklużjoni li l-perċentwal ta' diżabilità permanenti kellu jkun ta' 11%.[52]

*Damnum Emergens:*

L-attriċi ppreżentat[53] tliet irċevuti maħruġa minn 'St. Anne Clinic' li jindikaw li dawn kienu jirrigwardaw id-dritt professjonali dovut lil Mr Ray Gatt. Kif tgħid l-attriċi fl-*affidavit* tagħha, l-ammont komplessiv tal-ispejjeż mediċi jirriżulta fis-somma ta' tliet mija u ħames Euro (€305.00). Din l-ispiża hija kkorraborata mix-xhieda ta' Mr Ray Gatt innifsu li kkonferma li huwa kien eżamina lill-attriċi diversi drabi.[54] Ma jirriżultax lill-Qorti mill-provi li l-attriċi inkorriet spejjeż oħra, u għalhekk din is-somma tirrappreżenta d-danni materjali li għandhom jitħallsu mis-soċjetà konvenuta.

*Lucrum Cessans:*

[52] Rapport a *fol.* 126 *et seq.* tal-proċess.
[53] A *fol.* 36 *et seq.* tal-proċess.
[54] Ara xhieda seduta 24 ta' Frar, 2017, *a fol.* 97.

F'sentenza fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antoine Cachia**[55], il-Qorti qalet:

> *"Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapacità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia* lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-egħmil dirett tad-danneġġjant."*

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hija regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'deċiżjoni fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**[56], ġie stabbilit illi:

> *"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-* lucrum cessans *dan jinvolvi telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċizjonijiet in materja."*

Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, għalkemm bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna fl-età ta' ħamsa u tletin (35) sena, li hija l-età li kellha l-attriċi meta seħħ l-inċident[57], il-*multiplier* adottat ikun ta' ħamsa u għoxrin (25), tenut kont li persuna fl-età tal-attur huwa mistenni jaħdem almenu sakemm ikollu ħamsa u sittin (65) sena sabiex jilħaq l-età pensjonabbli.

---

[55] P.A., 18.02.2013.
[56] P.A., 27.04.2005.
[57] Ara Dok. MB21 a *fol.* 74.

F'sentenza fl-ismijiet **John u Laura konjuġi Ransley *vs.* Edward u Lydia konjuġi Restall**[58], il-Qorti qalet:

> *"Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler vs Heard** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier *wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-*'changes and changes of life'*, b'mod li dan il-*multiplier *ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.*
>
> …
>
> *Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżercizzju matematiku – għalkemm tali eżercizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **Butler vs Heard,** b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala 'lucum cessans' jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed inkonsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."*

L-attriċi fl-*affidavit* tagħha[59] tgħid li hija kienet taħdem kuljum mit-Tnejn sas-Sibt, b'dana li mit-Tnejn sal-Ġimgħa kienet taħdem sitt sigħat kuljum, u s-Sibt kienet taħdem ħames sigħat. Tirrileva li hija kienet taqla' €4.30 fis-siegħa u f'sena kienet taqla' madwar €6,450.00. Fil-fatt il-qligħ għas-sena 2014 huwa indikat fis-somma ta' €6,411 fil-FS3 ta' dik is-sena.[60] Jirriżulta li l-attriċi ma

[58] P.A., 10.05.2005.
[59] *A fol.* 22 tal-proċess.
[60] Ara kopja Dok. MB18 a *fol.* 60 tal-proċess.

reġgħetx lura għax-xogħol u fit-30 ta' Novembru, 2015, intemm l-impjieg tagħha[61] mas-soċjetà konvenuta. Ir-raġuni li ngħatat kienet *'Transfer of business'*.[62] Mill-ammont ta' €6,411 irid jitnaqqas €641.10 bħala kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali mħallsa skont ir-rati uffiċjali tas-sena 2014 meta seħħ l-inċident, b'dana li l-ebda ammont m'għandu jitnaqqas fir-rigward ta' taxxa peress li l-ebda taxxa ma kienet dovuta mingħand l-attriċi li d-dħul tagħha kien jaqa' taħt il-minimu stabbilit.

Is-salarju tal-attriċi irid jiġi aġġustat u jogħla abbażi tal-għoli tal-ħajja għall-perijodu kollu tal-*multiplier*[63], b'hekk {€5,769.90 + (€5,769.90 x 1.18% x 25)}, sabiex b'hekk il-Qorti qiegħda tikkomputa s-salarju medju li l-attriċi kienet tirċievi li kieku baqgħet taħdem, fis-somma ta' €5,769.90 + €7,472.02 ÷ 2 = €6,620.96. Huwa dan is-salarju li l-Qorti ser tieħu għall-finijiet tal-komputazzjoni li trid tagħmel.

L-espert mediku ġudizzjarju Mr Carmel Sciberras wasal għall-konkluzjoni li l-grad ta' debilità permanenti sofferta mill-attriċi huwa ta' 11%[64], grad aktar għoli minn dak stabbilit minn Mr Ray Gatt fis-27 ta' Awwissu, 2016, meta kien ġie inkarigat mill-attriċi sabiex jinvistaha.[65] Iżda l-espert mediku ġudizzjarju jattribwixxi ż-żieda għall-fatt li l-ispalla tal-attriċi kienet ibbieset aktar biż-

[61] *Affidavit* a *fol.* 21 u 22 tal-proċess.
[62] Ara ittra mill-ETC datata 05.12.15 Dok. MB15 a *fol.* 51 tal-proċess.
[63] F'sentenza mogħtija mil-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Mejju, 2001, fl-ismjiet **Joseph Galea vs Charles Fenech pro et noe**, il-Qorti stabbiliet illi, "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effett li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier*". Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 1.18% li hija r-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-aħħar ħames snin skont l-NSO: {1.10% (2015) + 0.64% (2016) + 1.37%(2017) + 1.16% (2018) + 1.64% (2019) ÷ 5 = 1.18%}.

[64] Ara rapport a *fol.* 126 tal-proċess.
[65] Ara rapport Dok. MB01 a *fol.* 4 tal-proċess.

żmien.[66] Il-Qorti ma ssibx raġuni għalfejn m'għandhiex tistrieħ fuq ir-rapport tal-imsemmi espert mediku ġudizzjarju, filwaqt li tieħu inkonsiderazzjoni li s-soċjetà konvenuta ma kkontestatx ir-rapport bl-ebda mod.

L-evoluzzjoni ġurisprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wasslet għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba (*lump sum payment).* Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% minn dan l-20% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'kazijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta jiġi ppreżentat ir-rikors maħluf u d-data tas-sentenza. Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti ma tarax li hemm lok għal tali tnaqqis. Il-kawża ġiet ippreżentata fis-sena 2016 minkejja li l-inċident kien seħħ fil-2014, u d-deċiżjoni ser tkun qiegħda tingħata mingħajr ma jirriżulta li kien hemm titubar jew delungar intenzjonat da parti ta' xi waħda jew oħra mill-partijiet.

Is-salarju medju ta' €6,620.96 x *multiplier* ta' 25 x 11% diżabilità permanenti sofferta mill-attriċi, iwasslu għal cifra ta' €18,207.64 li meta ridotta b'20% *(lump sum payment*) ta' €3,641.53, twassal għas-somma ta' €14,566.11 (erbatax-il elf, ħames mija, u sitta u sittin Euro u ħdax-il centezmu). Huwa dan il-*lucrum cessans* li l-Qorti qiegħda tistabbilixxi li għandu jitħallas mis-soċjetà konvenuta lill-attur.

[66] Xhieda seduta 7 ta' Ottubru, 2019, a *fol.* 324 tal-proċess.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà konvenuta;**
2. **Tilqa' t-talbiet tal-attriċi u tiddikjara li r-responsabbilità tal-inċident mertu ta' din il-kawża għandha tinġarr mis-soċjetà konvenuta;**
3. **Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attriċi b'konsegwenza tal-istess inċident fis-somma ta' €14,871.11 (erbatax-il elf, tmien mija, wieħed u sebgħin Euro u ħdax-il centezmu); u**
4. **Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attriċi d-danni kif likwidati.**

**Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali numru 3702/15 ippreżentata fil-5 ta' Novembru, 2015, u bl-imgħaxijiet legali mil-lum sad-data tal-ħlas effettiv.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**